## IS-SIĠRA U JIEN

*Kemm kont sabiħa, Siġra, fir-rebbiegħa,*
*Tħaddar bil-weraq, tfewwaħ bl-eħla ward,*
*Bl-għasafar jgħannu fik fis-s'għat xemxija,*
*Tħenni lill-bniedem, għaxqa f'dina l-art.*

*'Ma issa rjieħ il-weraq tiegħek ġarru;*
*'Il bogħod kaxkruhom, waqgħu fl-art fit-trab;*
*Il-fjuri dbielu, kollha tħassru, marru;*
*Il-friegħi għerja, il-ġmiel għal kollox għab.*

*Ftakart fil-jiem benjin l'għaddejt f'żgħożiti –*
*Kemm ħarab jiġri ż-żmien bla hemm, bla dmugħ!*
*Tħassibt jien fil-ġejjieni, fi xjuħiti –*
*X'għad isir minni, x'hemm miktub, miżrugħ?*

*Hekk kif jaħarbu l-jiem ħelwin xemxija,*
*Jaslu jiem koroh, jiem kesħin xitwija.*

T. Cini

## FIDWA

*Imħabbra mill-Kbir Alla sa minn kmieni,*
*Int kellek fuq id-dnub toħroġ rebbieħa,*
*W iġġib fid-dinja l-Iben il-waħdieni*
*Għax Alla għażlek bla ħtija, ruħ il-fwieħa.*

*U wasal il-Milied jum l-iżjed hieni*
*U sebħ il-kliem imħabbar minn nebbieħa;*
*'Ma għadda ż-żmien sabiħ, iż-żmien ewlieni,*
*Bnedmin kasbruk, bnedmin bla qalb, ilħieħa.*

*Sebat isjuf nifdulek il-qalb tiegħek*
*Xħin rajt lil Ibnek mgħobbi, mimli dmija,*
*U sal-Kalvarju tlajt m'Ibnek maħbub.*

*U meta mejjet kien haddantu miegħek*
*Dak l-Iben l' Int ħabbejt bla tarf Marija;*
*Sabiex fdejtna ssallabt m'Ibnek mislub.*

T. Cini